

**Rikors ippreżentat fis-7 ta' Mejju 2009 — Fries  
Guggenheim vs CEDEFOP****(Kawża F-47/09)**

(2009/C 153/101)

*Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż***Partijiet**

*Rikorrent:* Eric Mathias Fries Guggenheim (Liège, il-Belġju)  
(rappreżentant: L. Lucas, avukat)

*Konvenut:* Iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professjo-  
nali (CEDEFOP)

**Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża**

L-annullament tad-deċiżjoni tas-CEDEFOP li ma jġeddidx il-kuntratt tar-rikorrent inkwantu membru tal-persunal temporanju u, fin-nuqqas tar-reintegrazzjoni tiegħu, il-kundanna tal-konvenut sabiex jagħtih kumpens għad-dannu morali subit.

**Talbiet tar-rikorrent**

- Jannulla d-deċiżjoni tas-7 ta' Lulju 2008 tas-CEDEFOP li ma jġeddidx il-kuntratt tar-rikorrent u li tikkonferma li l-kariga tiegħu tintemm fil-15 ta' Ottubru 2008;
- Jannulla, safejn huwa meħtieġ, id-deċiżjoni tat-18 ta' Lulju 2008 tas-CEDEFOP li tikkonferma l-imsemmija deċiżjoni, wara l-ittra tar-rikorrent tad-9 ta' Lulju 2008 u l-laqgħa tiegħu tas-17 ta' Lulju 2008 mar-rappreżentanti tal-persunal;
- Jikkundanna lis-CEDEFOP, fin-nuqqas tar-reintegrazzjoni tiegħu, iħallas lir-rikorrent danni li l-ammont tagħhom jiġi ddeterminat mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, bħala kumpens għad-dannu morali tiegħu;
- Jippermetti lir-rikorrent, jekk jikkunsidra li dan ikun neċessarju, li jikkwantifika l-preġudizzju għall-karriera tiegħu u jekk le, jikkundanna lis-CEDEFOP iħallsu, fin-nuqqas tar-reintegrazzjoni tiegħu, danni li l-ammont tagħhom jiġi ddeterminat mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku;
- Jikkundanna lis-CEDEFOP għall-ispejjeż.